MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2010

Numru 575/2004

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Bartolo)**
**vs**
**Josef Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Josef Farrugia** ta' 24 sena, bin il-mejjet Anthony u Mary nee' Cilia, mwieled Pieta' nhar id-19 ta' Marzu, 1980, residenti 5, Triq il-Gardenia, Santa Lucija u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 168580m;

Talli waqt li kont f'Rahal il-Gdid, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn it-7.45 ta' filghaxija ta' nhar il-11 ta' Mejju, 2002 u is-2.00 ta' wara nofsinhar tat-12 ta' Mejju, 2002, ikommettejt serq ta' flus ikkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, ghad-detriment ta' Mario Micallef minn San Pawl il-Bahar;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltija imma izjed minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Mario Micallef minn san Pawl il-Bahar;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ksirt il-provediment tal-artikolu 5 tal-Kap 152 (illum artikolu 7 tal-Kap 446) tal-Ligijiet ta’ Malta, meta b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta datata 4 t’Ottubru, 2000, gejt moghti l-liberta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehro fi zmien sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

U aktar talli irrendejt ruhek recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gejt misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-16 ta’ Settembru 2010;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261 (b)(c) u (f), 263 sa 267, 270, 278, 49, 50, 289 u 325(b) Kap 9 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-fedina raffretarrja tal-imputat;

U b’hekk tikkundanna lill-imputat ghal terminu komplessiv ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------